# L-HENA

IL-HSIEB ta' kollha kemm huma l-bnedmin huwa il-hena. Fi ħwejjeġ oħrajn l-għanijiet tal-bnedmin jistgħu ma jaqblux, imma f'din il-ħaġa aħna nsibu li ġirja wara l-hena kienet dejjem l-iskop ewlieni li dejjem fileġ 'il-bniedem. Ġid, suċċessi, għana, imħabba, mhumiex skopijiet fihom infushom; huma taraġ għal ħaġa aktar nobbli—huma mezzi għall-għan ewlieni li huwa l-hena. Bħalma l-ilma jfittex in-niżla kull qalb tfittex l-hena tagħha, iżda hija l-esperjenza ta' kulħadd li t-traġedja ta' żminijietna hija li l-bniedem m'huwiex hieni. Jista' jkun li l-bniedem huwa miġnun wara l-hena għax hija bħal dik il-pjanta rari li jfittixha kulħadd u jsibuha biss dawk il-ftit ixxurtjati. Forsi moħħ il-bniedem strieħ billi ħaseb li hena f'din id-dinja ma tinsabx u għalhekk kien kuntent li jitħabat wara dell li ma jistax jintlaħaq. Madankollu aħna nafu li n-Natura m'hijiex daqshekk qalbha ħażina li toqgħod tiddieħek bil-bniedem billi tiżragħlu xewqa f'qalbu li hu ma jkunx jista' jilħaq, anzi li l-bniedem jixtieq hu minnu nnifsu sinjal li x-xewqa tiegħu tista' tiġi mitmuma. Mela l-hena m'hijiex pjanta marradija li tikber biss fis-sqaqijiet li minnhom ftit ngħaddu tul l-eżistenza tagħna, imma hija pjanta li tikber ma' saqajna. M'hijiex pjanta rari imma tikber bil-kotra bħall-arja li nieħdu jew daqs is-sema li jgħattina. L-hena hija l-wirt ta' kulħadd u kull bniedem għandu d-dritt li jgħix ferħan.

L-hena hija s-serħ tal-moħħ, il-qawwa ta' l-ispirtu u l-ogħla teżor li jista jkollu l-bniedem. M'aħniex b'daqshekk infissru x'inhija l-hena, għax hija taħrab mit-tgħarrix tax-xjenza bħal ma tgħib mill-indaħil tal-filosofija. Nafu iżda li m'hijiex ħaġa talġisem. Ġisem ma jonqsu xejn, mimli ġid u għana ma jista' jtina l-ebda garanzija li hu hieni. Ħafna drabi bniedem marradi jkun hieni, waqt li ieħor felħan jista' jkun imġarraf taħt dwejjaq kbar. Lanqas ma tinsab żgur f'dak li l-bniedem jagħmel. Jista' wieħed jirbaħ id-dinja, u b'danakollu jilmenta li mhux hieni. Mill-banda l-oħra bniedem fqir u mirbuħ jista' jnissel għira f'dak li jassru billi jċanfru li l-ġid u r-rebħ tah kollox barra hena. L-hena ma hijex ħaġa li taqbadha u twaħħalha ma' sidrek; hija ħaġa aktar astratta... ħaġa aktar nobbli. Fi kliem ieħor hija stat tal-moħħ. Il-moħħ, jew aħjar ir-ruħ hija t-tempju ġewwieni tal-bniedem. Iċ-ċirkustanzi ta' barra m'għandhom l-ebda qawwa li jtellfu l-

paċi ta' dan it-tempju... biss kemm inħalluhom. Mhux il-kobor tar-riefnu ta' ċirkustanzi kuntrarja, mhux il-qawwa tal-mewġ li jhedded li jfarrak il-mistrieħ tal-moħħ li għandu x'jaqsam, imma kemm il-bniedem iċedi quddiemhom. Wieħed jista' jara kollox jiġġarraf quddiemu, u f'dik il-herba jista' jgħajjat li hu hieni; jista' jara ż-żmien ġejjieni mimli sħab iswed ta' theddid u jibqa' jħoss ruħu setgħana. Dana jwassalna biex nindunaw għaliex fi żminijietna l-bniedem huwa mċaħħad minn dik il-ħaġa li hu tant jixtieq u jagħmel minn kollox biex jiksibha.

L-hena tinsab fil-ħamrija mqallba tal-ħajja nnifisha u mhux biss fil-ġonna tad-divertiment. Dan huwa wieħed mill-iżbalji kbar fil-ħajja, għax il-bniedem ma jagħmilx differenza bejn pjaċir u hena u għalhekk bosta drabi jfittixha fejn ma teżistix. Ħafna fittxewha fir-ramel tax-xtut tal-baħar fejn eluf ta' nies imorru fil-vaganzi waqt li setgħu sabuha fis-skiet ta' djarhom. Oħrajn fittxewha fis-swali kbar taż-żfin waqt li setgħu jkunu ferħana fi bnadi aktar siekta. Fid-djarju ta' Scott aħna nsibu miktub għaliex dan l-esploratur il-kbir sab l-hena fil-beraħ u l-ksieħ ta' l-Antartiku. Huwa kiteb : "A happy life is not made up of tours abroad and pleasant holidays, but of little clumps of violets hidden by the wayside so that only those can seen them who have God's peace in their heart". Il-pjaċiri, kulħadd jaqbel, li huma pass kbir lejn l-hena, u l-vaganzi jistgħu jtuna l-aħjar sisien fuqhiex nibnu ħajja ferħana, għax huma jtuna firda mill-monotonija tal-ħajja, jtuna mill-ġdid l-enerġija li neħtieġu, u jlewnu l-ħajja b'dak it-tibdil li bih biss il-ħajja hi ta' min igħixha. L-iżball huwa li nitqarrqu billi naħsbu li l-pjaċir biss jagħtina biljett b'xejn għall-ġenna, u b'hekk ix-xogħol jidher l-akbar saħta. Ma rridux ninsew li hena u pjaċir jistgħu jimxu id f'id, iżda jistgħu jkunu wkoll għedewwa. Żball ieħor li spiss ħa l-bniedem huwa li jimmira li jikseb l-hena mingħajr ma qagħad iħabbel rasu jhejji l-personalità tiegħu; bħal dak li ried jaqta' l-fjur mingħajr ma jkun żergħu. L-hena qatt ma tinsab weħidha imma hija rigal ta' ħajja tajba, hija ħlewwa li tgħaxxaq il-qalb ta' min ikun ħadem u ta' min kien għaqli.

Biex ngħixu ħajja ferħana jeħtieġ nibnuha fuq il-kolonni tal-fidi u l-fidi hija ħaġa ta' attitudini; ħaġa li timlina b'kunfidenza fina nfusna u tbiddel it-tgemgim : "Nibża' li ma jirnexxilix", f'rieda : "Naf li ħa' nirbaħ". Fi żminijietna, meta kollox iheddidna li ħa' jfarrakna, meta kollox jiggwerra kontra t-tamiet

tal-bniedem, meta x-xogħol tal-għaqli jidher fuq sisien li dalwaqt itir, dan jidher ftit kliem fl-ajru. Kull ħaġa tista' tintemm imma r-ruħ tal-bniedem hija eterna u meta tkun imwaqqfa fuq il-kolonni tal-fidi hija tkun wisq aktar 'il fuq minn fejn jistgħu jilħqu l-idejn taż-żmien u tat-tibdil. Iċ-Ċivilizzazzjoni tista' titfarrak, il-forzi esplussivi ta' ġo fiha jistgħu jġarrfu lis-Soċjetà, id-dinja tista' terġa' tmur lura bejn il-Barbariżmu u l-progress tal-bniedem jintesa, imma l-qalb tal-bniedem tista' tibqa' ferħana għax taf li l-individwu ma jistax jispiċċa, illi l-bniedem jista' jerġa" jibni dinja oħra mill-fdalijiet tal-qedem, illi ż-żmien innifsu ma jistax jirbaħ lil ruħ il-bniedem. Meta nifhmu dan aħna nindunaw li l-affarijiet m'humiex koroh daqs kemm inpinġuhom. Nistgħu naraw l-umanità bħala forza għamja miexja bla taf fejn miġbuda minn qawwa akbar li aħna nsejħu destin; nistgħu norbtu jdejna u nistennew li tfaqqa' s-sajjetta u tkarkarna lkoll fid-dlamijiet ta' gwerra oħra, imma minflok hekk nistgħu nħossu qalbna tifraħ meta għajnejna timraħ fuq xena sabiħa fi tlugħ u nżul ix-xemx u nisimgħu l-għasafar jimlew l-arja b'għana ħelu u ferrieħi—għana li qisu ma jimpurtahx min-niket tal-bnedmin u fil-għors tagħhom ninsew id-dwejjaq tagħna. Jekk immorru fi xtut il-baħar, fit-teatri, fil-postijiet tad-divertiment aħna naraw l-umanità tiddeverti u l-għajat tat-tfal, id-daħk tal-kbar, il-ferħ ta' kulħadd idaħħluna fi ħbiberija mat-tifsira tal-ħajja. B'hekk inkunu nħaffru fil-blat iebes tad-dwejjaq, tat-tfixkil u tad-disperazzjoni... u ma niskantawx jekk id-deheb ta' l-hena nsibuh hemm taħt.

ABRAM GALEA.